**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 259/18AL

**AB**
***-vs-***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Ottubru 1989 - Dok. A u sussesgwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni ta' 30 ta' Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (Dok. B).
2. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-inqas hmistax (15) il-sena.
3. Illi l-partijiet ddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u t-tfal taghhom ghandhom iktar minn 20 sena.

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) jogħġobha tippronunzja l-hall taż-żwieġ ossia divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-artiklu 66D(2) tal-Kodicii Civili Kap. 16 tal-Ligi ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2018;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Ottubru 2001 u ilhom ma jghixux flimkien ghal minn inqas hmistax il-sena;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.